MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 986/2004

**GasanMamo Insurance Limited**

**vs**

**Angelo Galea (ID 68155M) u
Angelo Galea (I.D. 199476m)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Mejju, 2004 fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm221.68) rappresentanti hlas li sar mis-socjeta attrici in ezekuzzjoni ta' sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar moghtija fil-15 ta' April 2002 fl-ismijiet "Untours Insurance Agency Limited noe.et. vs Angelo Galea", (Dokument A), u dana skond l-obbligi tas-socjeta attrici ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u permezz ta' liema sentenza, Angelo Galea (I.D.194476M) gie iddikjarat responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u stante illi Angelo Galea (I.D. 68155M) ippermetta illi l-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni LAH143, assikurata f'ismu mas-socjeta attrici taht polza ta'l-assikurazzjoni li kienet tkopri specifikatament sewwieqa ta'l-eta ta' hamsa u ghoxrin sena jew aktar, tinsaq minn Angelo Galea (I.D. 194476M) li fid-data ta'l-incident kellu 24 sena u dana bi ksur tal-kundizzjonijiet ta'l-istess polza ta'l-assikurazzjoni. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru 2002 u tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid ipprezentati kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Awissu 2002 u cioe' id-data li sar il-hlas mis-socjeta attrici lil terzi (Dokumenti D u E) kontra l-konvenuti, ingunti in subizzjoni.

Wara li ra l-ammissjoni maghmula mill-konvenuti fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2004.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni tal-konvenuti, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm221.68), bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Awissu 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru 2002 u tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid ipprezentati kontestwalment ma'l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------